# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 t'April, 2017.**

**Rikors Numru 179/2016 SM**

**Charles Joseph Francis Camilleri**
**(K.I. 423884M)**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-4 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi intavola din il-procedura *ai termini* tal-artiklu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.2. Illi flimkien m'ohrajn kien akkuzat fl-2007 b'reati rigwardanti traffikar ta' droga;

1.3. Illi fit-28 ta' Jannar, 2010, instab hati u kien ikkundannat skont il-ligi, bl-appell ikun deciz fl-10 ta' Dicembru, 2015;

1.4. Illi rizultat tal-istess kienet ukoll ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta bl-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati *de quo*, u dawn kienu jinkludu kull flejjes u propjeta` mobbli u immobbli;

1.5. Illi l-proprjeta` immobbli kolpita bl-imsemmi ordni ma gietx akkwistata mid-dhul u provenjenzi gejjin mid-droga;

1.6. Illi bl-imsemmi ordni intlaqat il-garaxx "Gordon", sussegwentement imsemmi "Nicholas", fi Triq Bajjada, l-Marsa, liema garaxx hu l-uniku proprjeta` li ghandu;

1.7. Illi l-garaxx de quo kien akkwistat flimkien ma martu, illum separat minnha, fis-26 ta' Settembru, 2002, *in atti* tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami, (ara foll 4);

1.8. Illi fil-perjodu meta xtara l-imsemmi garaxx kien jahdem ta' *"delivery man"*;

1.9. Illi omm ir-rikorrenti kienet ukoll ghenet finanzjarjament lill-istess biex ikun jista' jixtri l-imsemmi garaxx;

1.10. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni datat l-24 ta' Mejju, 2004, *in atti* tan-Nutar Dottor Marco Burlo`, l-istess garaxx thallas lir-rikorrenti, (ara foll 9);

1.11. Illi ghalhekk l-istess garaxx m'inxtarax in konsegwenza ta' xi ghemil bi ksur tal-Kap 101 fuq riferit;

1.12. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti u jitlob li din il-qorti biex minkejja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata l-10 ta' Dicembru, 2015, fuq riferita, tordna r-rilaxx favur tieghu tal-garaxx in kwistjoni;

2.0. Rat ir-risposta datata t-18 ta' Marzu, 2016, li permezz taghha il-Kummissarju intimat sintetikament espona s-segwenti:

2.1. Illi r-rikorrenti ghandu jipprezenta kopja tas-sentenzi minnu indikati li bihom giet ordnata il-konfiska in ezami;

2.2. Illi l-prova tal-provenjenza u akkwist lecitu tal-proprjeta` *de quo* tispetta lir-rikorrenti;

2.3. Salv risposti ulterjuri;

3. Semghet lix-xhud prodotta;

4. Ezaminat id-dokumenti prodotti;

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimat datat is-7 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu infurmat lill-qorti li in vista tar-rizultanzi fil-process l-intimat ma kellux oggezzjoni li l-garaxx in dizamina jkun rilaxxat lir-rikorrenti *stante* li l-istess garaxx inxtara fis-26 ta' Settembru, 2002, u ghalhekk, qabel ma l-istess rikorrenti involva ruhu fit-traffikar tad-droga fl-2006, (ara foll 30);

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista tal-verbal tal-intimat indikat fil-paragrafu precedenti u tad-dokumenti minnu pprezentati din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

6.1. Tordna r-rilaxx tal-garaxx bl-isem "Nicholas", Triq Bajjada, l-Marsa, mill-Gvern ta' Malta, favur ir-rikorrenti;

6.2. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**